MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2007

Numru 896/1999

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ray D'Anastas)**

**vs**

**Alexei Debono**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Alexei Debono ta 17 il-sena bin Carmelo u Mary nata Zerafa imwieled Pieta fit 30 ta April 1982 u residenti 65, Victory Street, Rabat, Malta, detentur ta karta tal-identita 241082M gie akkuzat:

talli fis-sitta ta Novembru 1999 u/jew fil-granet ta qabel din id-data f'San Giljan iffalsifika xi biljett tal-flus jew mexxa biljett tal-flus iffalsifikat li kien jaf li hu falsifikat;

u aktar talli fl-istess data, post u cirkustanzi minghajr awtorita legali jew minghajr skuza legittima jew ragonevoli, xtara jew ircieva minghand xi persuna, jew kellu fil-kustodja jew pussess tieghu biljett tal-flus iffalsifikat li kien jaf li l-istess kien falsifikat;

u fl-ahhar talli ghamel, uza, jew xjentement kellu fil-kustodja jew pussess tieghu, xi karta mahsuba biex tixbah u biex tghaddi bhala karta specjali bhal dik provduta u wzata ghall-eghmil ta xi biljett tal-flus, jew xi karta specjali tali.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar is-seba' u ghoxrin ta' April, 2000 u nnutat li l-imputat Alexei Debono m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Fl-ewwel lok tirrileva li din il-kawza kienet precedentement qeghda tinstema' mill-Magistrat illum Magistrat Irtirat Dr. Joseph Cassar LL.D. u li din il-kawza giet assenjata din is-sena quddiem din il-Qorti kif presjeduta.

Innutat li fl-ezami tal-imputat li sar fis-seduta tallum, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum il-Prosekuzzjoni u d-Difiza ddikjaraw li jaqblu li meta gew kommessi r-reati addebitati lill-imputat, l-istess imputat ma kienx ghadu ghalaq it-tmintax (18) -il sena.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li f'dan il-kaz ma gewx inkorsi spejjez a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan qieghed jinghad inkwantu ghal dak indikat fin-Nota tar-Rinviju tal-Avukat Generali datata 27 ta' April, 2000. Inoltre l-istess Ufficjal Prosekutur iddikjara li hu personalment ivverifika li l-fedina penali tal-imputat hi wahda netta.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 44, 45, 46 u 47(a) tal-Kap. 204 u l-art. 23, 17(b), 37 u 20 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Alexei Debono, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha  migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi li f' dan il-kaz japplika dak previst fl-artikolu 37 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u li l-Ufficjal Prosekutur fil-Verbal tas-Seduta tallum iddikjara li hu personalment ivverifika li l-fedina penali tal-imputat hi wahda netta, tillibera lill-istess imputat Alexei Debono taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Inoltre, il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna l-konfiska u kif ukoll id-distruzzjoni tal-oggett esebit bhala Dok RA4 u ghal fini ta' tali distruzzjoni tinnomina lir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali biex jaghmel tali distruzzjoni fil-prezenza ta' rappresentant tal-Gvernatur tal-Bank Centrali u wara r-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali ghandu jaghmel Rapport dwar tali distruzzjoni u jippresentah fir-Registru ta' din il-Qorti sabiex jigi inserit fl-atti ta' din il-kawza.

Rigward l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta citat fin-Nota tar-Rinviju tal-Avukat Generali datata 27 ta’ April, 2000, fid-dawl ta’ dak dikjarat mill-Ufficjal Prosekutur fil-Verbal tas-Seduta tallum fir-rigward u riportat aktar qabel f’din is-sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri dwar tali talba maghmula a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti qed taghti lill-imputat Alexei Debono l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Finalment tordna li kopja ta’ din is-Sentenza tigi notifikata lir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------